QORTI CIVILI PRIM`AWLA

ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MCKEON

Illum it-Tlieta 30 ta` Mejju 2017

Kawza Nru. 8
Rik. Gur. Nru. 791/12 JZM

Sam Investments Limited (C56784)

*kontra*

Cornelius Francis sive Maurice Scifo Diamantino (ID 726536M); u b`digriet tat-2 ta` Mejju 2016 l-isem "Cornelius Francis sive Maurice" gie jaqra "Cornelio Francesco"; u b`digriet tat-2 ta` Mejju 2016 l-atti tal-kawza f`isem Cornelio Francesco Scifo Diamantino gew trasfuzi f`isem Simone Diamantino (ID 46168M) bhala l-eredi universali tieghu;

*u*

A.M. Developments Limited (C-18510)

Il-Qorti :

## I. <u>Preliminari</u>

### 1. <u>Ir-rikors guramentat</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-<u>7 ta` Awwissu 2012</u> li jaqra hekk :–

*1. Illi in forza ta` konvenju ffirmat fil-25 ta` Gunju 2012 izda erroneament datat 26 ta` Gunju 2012 (Dokument 'S11'), il-konvenuti ntrabtu solidalment bejniethom sabiex jittrasferixxu a favur tas-socjeta` attrici l-porzjoni diviza ta` art sal-lum agrikola flimkien ma` kwalunkwe benefikati li hemm kostruiti fuqha kompriz maghha l-parti stradali gia esproprjata gewwa l-Qrendi, fi Triq Sant`Anna, formanti parti mill-art maghrufa bhala "Ta` Blajjet", fil-kontrada omonima, tal-kejl ta` cirka elfejn disa` mija u tmienja u tletin metri kwadri (2,938 m.k.), kif murija fuq il-pjanta annessa u mmarkata bhala dokument 'A' mal-istess konvenju, konfinanti mit-Tramuntana ma` beni tas-successuri ta` A.M. Developments Limited, mill-Grigal ma` beni tal-familja maghrufa ta` Buslieka, u mill-Punent ma` beni tal-eredi ta` Wenzu Tabone u tal-aventi causa ta` A.M. Developments Limited, kif soggetta ghar-rata taghha ta` cens annwu u perpetwu ta` hmistax-il centezmu ta` euro (€0.15) altrimenti libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi taghha kollha kif inhi llum okkupata minn terzi, versu l-prezz komplessiv ta` erbgha u hamsin elf hames mija tlieta u hamsin euro (€54,553.00) u taht il-pattijiet u l-kondizzjonijiet l-ohra stipulati fl-istess konvenju ;*

*2. Illi s-socjeta` attrici pprezentat ittra ufficjali datata 17 ta` Lulju 2012 li biha nterpellat lill-konvenuti in solidum sabiex, entro t-terminu utili stipulat fl-imsemmi konvenju, jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-att pubbliku ta` trasferiment finali in ezekuzzjoni tal-istess konvenju ;*

*3. Illi minkejja l-imsemmija nterpellazzjoni gudizzjarja l-konvenuti baqghu inadempjenti ;*

*4. Illi ghalhekk is-socjeta` attrici hija kostretta tipprocedi bl-azzjoni odjerna sabiex titlob it-twettieq tal-imsemmi konvenju skond il-ligi ;*

*5. Illi dawn il-fatti huma maghrufa lis-socjeta` attrici u lill-esponent Saviour Borg personalment ;*

*Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-socjeta` attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni :*

*1. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt definittiv in esekuzzjoni tal-konvenju ffirmat fil-25 ta` Gunju 2012 izda erroneament datat 26 ta` Gunju 2012 li permezz tieghu l-konvenuti ntrabtu solidalment sabiex jittrasferixxu a favur tas-socjeta` attrici l-porzjoni diviza ta` art sal-lum agrikola flimkien ma` kwalunkwe benefikati li hemm kostruiti fuqha kompriz maghha l-parti stradali gia esproprjata gewwa l-Qrendi, fi Triq Sant`Anna, formanti parti mill-art maghrufa bhala "Ta` Blajjet", fil-kontrada omonima, tal-kejl ta` cirka elfejn disa` mija u tmienja u tletin metri kwadri (2,938m.k.), kif murija fuq il-pjanta annessa u mmarkata bhala dokument 'A' mal-istess konvenju, konfinanti mit-Tramuntana ma` beni tas-successuri ta` A.M. Developments Limited, mill-Grigal ma` beni tal-familja maghrufa ta` Buslieka, u mill-Punent ma` beni tal-eredi ta` Wenzu Tabone u tal-aventi causa ta` A.M. Developments Limited, kif soggetta ghar-rata taghha ta` cens annwu u perpetwu ta` hmistax-il centezmu ta` euro (€0.15) altrimenti libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi taghha kollha kif inhi llum okkupata minn terzi, versu l-prezz komplessiv ta` erbgha u hamsin elf hames mija tlieta u hamsin euro (€54,553.00) u taht il-pattijiet u l-kondizzjonijiet l-ohra stipulati fl-istess konvenju, kif premess.*

*2. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-kuntratt relattiv u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess kuntratt, li ghandu jigi ppubblikat fil-jum, hin u lok li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta` Lulju 2012, kontra l-konvenuti ngunti personalment ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kumpannija attrici, il-lista tax-xhieda ndikati minnha, u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

2. Ir-risposta guramentata ta` A.M. Developments Limited

Rat ir-risposta guramentata ta` A.M. Developments Limited prezentata fid-9 ta` Novembru 2012 li taqra hekk :–

*1. Illi s-socjeta` esponenti ma topponix ghat-talbiet attrici u lesta li tersaq ghall-att notarili opportun in ezekuzzjoni tal-konvenju de quo hekk kif diretta minn din l-Onorabbli Qorti ;*

*2. Illi ghalhekk, l-esponenti m`ghandhiex tehel l-ispejjez ta` din il-procedura.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-imsemmija konvenuta.

3. Ir-risposta guramentata ta` l-konvenut Scifo Diamantino

Rat ir-**risposta guramentata** ta` l-konvenut Cornelius Francis sive Maurice Scifo Diamantino li kienet prezentata fit-30 ta` Novembru 2012 u taqra hekk :-

*I. ILLI, in linea preliminari, l-kontendenti ma ffirmaw l-ebda konvenju nhar is-26 ta` Gunju 2012 (DOK: MD1) u konsegwentement it-talbiet attrici, in kwantu li jirreferu ghal din l-istess data, u in kwantu li permezz taghhom qieghed jintalab illi l-esponent jigi kkundannat jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni ta` kuntratt definittiv ta` bejgh skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta` konvenju tal-istess data, anness mar-rikors guramentat promutorju bhala DOK: SI1, huma totalment insostenibbli kif dedotti ;*

*II. ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenju li, fil-fatt, gie ffirmat mill-kontendenti nhar il-25 ta` Gunju 2012 kellu jibqa` validu ghal perjodu ta` tlett (3) xhur, kif kontemplat fl-Artikolu 1357 (2) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta), u mhux sal-31 ta` Lulju 2012, u ghalhekk il-konvenju esebit mar-rikors guramentat promotorju - kif emendat minghajr il-kunsens tal-esponent - u li fuqu hija bbazata l-azzjoni attrici f`din l-istanza jimporta obbligazzjoni differenti minn dik illi assuma l-esponent, u konsegwentement*

*la huwa validu skond il-ligi u lanqas ma huwa vinkolanti fuq l-istess esponent ;*

***III.*** *ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenju li gie ffirmat mill-kontendenti nhar il-25 ta` Gunju 2012 kellu jibqa` validu sal-25 ta` Settembru 2012 - u mhux sal-31 ta` Lulju 2012 kif pretiz mill-kumpannija attrici - u ghalhekk it-talbiet attrici f'din l-istanza huma ntempestivi u konsegwentement totalment insostenibbli kif dedotti ;*

***IV.*** *ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpannija attrici m`ghandhiex l-interess guridiku rikjest mil-ligi f'dawn il-proceduri billi, fil-mument illi gie ffirmat il-konvenju bejn il-kontendenti nhar il-25 ta` Gunju 2012, l-istess kumpannija attrici kienet ghadha ma gietx kostitwita, ossija registrata, skond il-ligi u ghalhekk hija ma setghetx tintrabat, validament u skond il-ligi, illi tixtri u takkwista l-proprjeta` msemmija fir-rikors guramentat promotorju ;*

***V.*** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, l-konvenju li gie ffirmat bejn il-kontendenti nhar il-25 ta` Gunju 2012 ma sarx bil-bona fidi tal-kumpannija attrici u tal-kumpannija konvenuta, jew ta` min minnhom, u konsegwentement la huwa validu skond il-ligi u lanqas ma huwa vinkolanti fuq l-istess esponent, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tal-kontro-talba li qed tigi pprezentata kontestwalment ;*

***VI.*** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, il-konvenju li gie ffirmat bejn il-kontendenti nhar il-25 ta` Gunju 2012 huwa null u bla effett billi l-kunsens tal-esponent fuq l-istess konvenju gie moghti bi zball u/jew gie mehud bl-eghmil doluz tal-kumpannija attrici u tal-kumpannija konvenuta, jew ta` min minnhom, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tal-kontro-talba li qed tigi pprezentata kontestwalment ;*

***VII.*** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, il-konvenju li gie ffirmat bejn il-kontendenti nhar il-25 ta` Gunju 2012 huwa null u bla effett billi huwa simulat in kwantu li minkejja li l-kumpannija A.M. Developments Limited dehret bhala venditrici fuq l-istess imsemmi konvenju, hija u/jew id-direttur taghha Anton Camilleri, kienet ukoll, fil-*

*verita`, kumpratrici bis-sahha, fost ohrajn, tal-kolluzjoni li kien hemm bejnha u bejn il-kumpannija attrici u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tal-kontro-talba li qed tigi pprezentata kontestwalment ;*

*VIII. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, jezistu ragunijiet validi skond il-ligi sabiex l-esponent ma jaddivjenix ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt definittiv ta` bejgh tal-art imsemmija fir-rikors guramentat promotorju, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tal-kontro-talba li qed tigi pprezentata kontestwalment ;*

*IX. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, it-talbiet tal-kumpannija attrici kif dedotti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tal-kontro-talba li qed tigi pprezentata kontestwalment ;*

*X. SALV risposti ulterjuri permessi mil-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-imsemmi konvenut u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

4. Il-kontrotalba ta` l-konvenut Scifo Diamantino

Rat il-**kontrotalba** ta` l-konvenut Cornelius Francis sive Maurice Scifo Diamantino li taqra hekk :–

*I. ILLI l-esponent rikonvenzjonant u l-kumpannija A.M. Developments Limited (C 18510) huma nvoluti fin-negozu tal-bejgh, xiri, u zvilupp tal-bini, u huma komproprjetarji, fi kwoti diversi, ta` numru ta` proprjetajiet immobbli ;*

*II. ILLI nhar it-22 ta` Gunju 2012, l-esponent rikonvenzjonant gie avvicinat mill-kumpannija A.M. Developments Limited - dejjem permezz tad-direttur taghha Anton Camilleri, detentur tal-karta ta` l-identita` numru 228266 (M) - illi hija kienet sabet bniedem, ossija persuna fizika, illi kien*

*interessat illi jixtri u jakkwista porzjoni diviza ta` art agrikola li hi u l-istess esponent rikonvenzjonant ghandhom b`komproprjeta`, f`sehem ta` zewg terzi indivizi u terz indiviz rispettivament, gewwa l-Qrendi ;*

***III.*** *ILLI l-esponent rikonvenzjonant, bi buona fidi, talab ftit informazzjoni dwar, fost ohrajn, l-identita` ta` din il-persuna, izda l-kumpannija A.M. Developments Limited infurmatu li hija kienet ghadha kif giet avvicinata minn tali persuna ghall-ewwel darba, u li ghalhekk hija ma kellha l-ebda informazzjoni dwarha ;*

***IV.*** *ILLI, billi l-kumpannija A.M. Developments Limited dehret akkanita ferm sabiex tikkonkludi l-istess bejgh kemm jista` jkun malajr, l-esponent rikonvenzjonant infurmaha illi huwa kien lest illi, flimkien maghha, jersaq ghall-bejgh ta` din l-art jekk kemm il-darba l-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha tal-istess bejgh ikunu favorevoli u a sodisfazzjoni tieghu*

***V.*** *ILLI, wara li l-kumpannija A.M. Developments Limited innegozjat il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta` dan il-bejgh wahedha mal-kumpratur prospettiv - ad eskluzjoni tal-prezz, illi dwaru hija kkonsultat ukoll mal-esponent rikonvenzjonant - l-istess kumpannija stiednet lill-esponent rikonvenzjonant sabiex jattendi ghal laqgha gewwa l-ufficju tan-Nutar Dottor Charles Mangion nhar il-25 ta` Gunju 2012 sabiex dawn l-istess pattijiet u kondizzjonijiet ikunu jistghu jigu diskussi mal-istess kumpratur ;*

***VI.*** *ILLI dakinhar tal-25 ta` Gunju 2012, l-esponent rikonvenzjonant iltaqa` ghall-ewwel darba ma` Saviour Borg, detentur tal-karta ta` l-identita` numru 466565 (M), li gie ntrodott lilu bhala l-kumpratur de proprio msemmi ;*

***VII.*** *ILLI, dakinhar tal-25 ta` Gunju 2012, u fil-prezenza tan-Nutar Dottor Charles Mangion, l-esponent rikonvenzjonant wera certu riluttanza illi jiffirma l-konvenju li gie pprezentat lilu dak il-hin stess u dan kemm ghaliex din il-laqgha kienet intiza biss, safejn kien jaf l-istess esponent rikonvenzjonat, sabiex jigu diskussi l-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-bejgh, u anke ghaliex il-kumpannija A.M. Developments Limited u l-imsemmi Saviour Borg kienu qeghdin juru ghagla straordinarja sabiex jigi ffirmat dan il-konvenju, tant illi sahansitra riedu li dan jigi ffirmat minghajr ma tigi annessa pjanta adegwata dwar il-konfini tal-art meritu tal-istess konvenju ;*

*__VIII.__ ILLI, madanakollu, l-esponent rikonvenzjonant eventwalment ceda u, dakinhar stess tal-25 ta` Gunju 2012, huwa ffirma konvenju li permezz tieghu huwa obbliga ruhhu, flimkien mal-kumpannija A.M. Developments Limited, illi jbiegh u jitrasferixxi sehmu, ossija terz indiviz, mill-porzjoni diviza ta` art agrikola gewwa l-Qrendi, fi Triq Sant` Anna, formanti parti mill-art maghrufha bhala "Ta` Blajjet", tal-kejl ta` cirka elfejn disa` mija u tmienja u tletin metri kwadri (2938mk), konfinanti mit-tramuntana ma` beni tas-successuri ta` A.M. Developments Limited, mill-grigal ma` beni tal-familja maghrufa bhala "Ta` Buslieka", u mill-punent ma` beni tal-eredi ta` Wenzu Tabone u l-aventi causa tal-istess A.M. Developments Limited, kif soggetta ghar-rata taghha ta` cens annwu u perpetwu ta` hmistax-il centezmu ta` euro (€0.15), altrimenti libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha, kif inhi illum okkupata minn terzi, versu l-prezz kumplessiv ta` erba` u hamsin elf, hames mija u tlieta u hamsin ewro (€54,553.00), u dan skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha tal-istess konvenju, li kellu jibqa` validu skond it-terminu ta` tlett xhur skond il-ligi, u cjoe` sal-25 ta` Settembru 2012 ;*

*__IX.__ ILLI, madanakollu, wara li l-esponent rikonvenzjonant kien iffirma u inghata kopja ta` dan il-konvenju, huwa skopra illi, effettivament, hu u A.M. Developments Limited ma kienux obbligaw ruhhom illi jbieghu u jitrasferixxu l-art imsemmija lill-imsemmi Saviour Borg, izda lill-kumpannija rikonvenzjonata Sam Investments Limited (C 56784) ;*

*__X.__ ILLI minn ricerka li sussegwentement ghamel l-esponent rikonvenzjonant irrizulta illi l-kumpannija rikonvenzjonata kienet giet kostitwita, ossija registrata, sighat wara li l-kontendenti kienu ffirmaw il-konvenju dakinhar tal-25 ta` Gunju 2012, u dan bl-ufficju registrat taghha jkun l-istess bhal dak sia residenzjali ta` Anton Camilleri, u sia dak tal-kumpannija A.M. Developments Limited, ossija "Il-Maxtura", Madliena Road, Madliena (__DOK: MD2__) ;*

*__XI.__ ILLI l-esponent rikonvenzjonant jissuspetta wkoll illi l-kapital li nhareg sabiex giet kostitwita, ossija registrata, l-kumpannija rikonvenzjonata thallas mill-kumpannija A.M. Developments Limited, jew mid-direttur taghha Anton Camilleri, u li, minkejja l-fatt illi l-ishma tal-istess kumpannija rikonvenzjonata jappartjenu lkoll lill-imsemmi Saviour Borg - anke jekk huma maqsuma f`zewg kategoriji separati u distinti - l-*

*istess Saviour Borg qieghed jagixxi bhala mandatarju prestanome tal-istess kumpannija A.M. Developments Limited u/jew ta' Anton Camilleri ;*

***XII.*** *ILLI l-esponent rikonvenzjonant zgur illi ma kienx jiffirma l-konvenju tal-25 ta' Gunju 2012 li kieku huwa kien a konoxxenza tas-suespost f'dak il-mument illi huwa accetta li jiffirma l-istess konvenju ;*

***XIII.*** *ILLI, sussegwentement, l-esponent rikonvenzjonant gie notifikat bir-rikors guramentat promotorju tal-kumpannija rikonvenzjonata li permezz tieghu hija talbet, fost ohrajn, sabiex huwa jigi kkundannat jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt definittiv ta' bejgh skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' konvenju datat 26 ta' Gunju 2012, u li kien validu sal-31 ta' Lulju 2012 ;*

***XIV.*** *ILLI dan ifisser illi l-konvenju li fuqu gie bbazat l-imsemmi rikors guramentat promotorju gie datat b'mod zbaljat, u t-terminu tal-istess konvenju gie sahansitra emendat mill-kumpannija rikonvenzjonata u mill-kumpannija A.M. Developments Limited minghajr il-kunsens tal-esponent rikonvenzjonant ;*

*GHALDAQSTANT, tghid il-kumpannija attrici rikonvenzjonata ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna :*

***I.*** *TIDDIKJARA illi l-kunsens tal-esponent rikonvenzjonant fuq il-konvenju esebit bhala DOK: SI1 mar-rikors guramentat promotorju tal-kumpannija attrici rikonvenzjonata gie moghti mill-istess esponent rikonvenzjonant bi zball u/jew gie mehud bl-eghmil doluz tal-kumpannija attrici rikonvenzjonata ;*

***II.*** *TIDDIKJARA illi l-konvenju esebit bhala DOK: SI1 mar-rikors guramentat promotorju tal-kumpannija attrici rikonvenzjonata huwa simulat billi minkejja li l-kumpannija A.M. Developments Limited dehret bhala venditrici fuq l-istess imsemmi konvenju, hija u/jew id-direttur taghha Anton Camilleri, kienet ukoll, fil-verita', kumpratrici fuq l-istess konvenju bis-sahha, fost ohrajn, tal-kolluzjoni li kien hemm bejnha u bejn il-kumpannija attrici rikonvenzjonata ;*

*III. TIDDIKJARA, konsegwentement, illi l-konvenju esebit bhala dokument DOK: SI1 mar-rikors guramentat promotorju tal-kumpannija attrici rikonvenzjonata huwa null u bla effett fil-ligi ;*

*IV. TIDDIKJARA, konsegwentement, illi l-esponent rikonvenzjonant m`huwiex obbligat illi jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt definittiv ta` bejgh, favur il-kumpannija attrici rikonvenzjonata, tas-sehem tieghu ta` terz indiviz tal-porzjoni diviza ta` art agrikola gewwa l-Qrendi, fi Triq Sant` Anna, formanti parti mill-art maghrufha bhala "Ta` Blajjet", tal-kejl ta` cirka elfejn disa` mija u tmienja u tletin metri kwadri (2938mk), konfinanti mit-tramuntana ma` beni tas-successuri ta` A.M. Developments Limited, mill-grigal ma` beni tal-familja maghrufa bhala "Ta` Buslieka", u mill-punent ma` beni tal-eredi ta` Wenzu Tabone u l-aventi causa tal-istess A.M. Developments Limited, kif soggetta ghar-rata taghha ta` cens annwu u perpetwu ta` hmistax-il centezmu ta` euro (€0.15), altrimenti libera u franka, bid-dirttijiet u l-pertinenzi taghha kollha, kif inhi illum okkupata minn terzi, versu l-prezz kumplessiv ta` erba` u hamsin elf, hames mija u tlieta u hamsin ewro (€54,553.00), skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-konvenju esebit bhala dokument DOK: SI1 mar-rikors guramentat promutorju tal-kumpannija attrici rikonvenzjonata.*

*Bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici rikonvenzjonata, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni, u b`rizerva ghal kwalsiasi azzjoni ghad-danni spettanti lill-esponent rikonvenzjonant, kontra l-kumpannija attrici rikonvenzjonata, skond il-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati minn dan il-konvenut ghall-fini tal-kontrotalba u l-elenku ta` dokumenti li kienu esebiti mal-kontrotalba.

Rat illi l-istess konvenut indika, ghall-fini ta` notifika tal-kontrotalba, kemm lill-kumpannija attrici kif ukoll lill-kumpannija konvenuta.

Rat, fuq l-iskorta tal-atti, partikolarment it-tergo tal-*folder* a fol 20, illi ma kienx hemm notifika ta` A.M. Developments Limited, bil-kontrotalba ta` l-konvenut Scifo Diamantino.

Ghalkemm ma kenitx formalment notifikata bil-kontrotalba, A.M. Developments Limited fil-21 ta` Dicembru 2012 ipprezentat risposta guramentata ghall-kontrotalba.

4. <u>Ir-risposta ta` A.M. Developments Limited ghall-kontrotalba</u>

Taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament it-talbiet rikonvenzjonali proposti mill-konvenut rikonvenzjonant huma rriti u nulli in kwantu qed jigu diretti wkoll fil-konfront tas-socjeta` esponenti li tikkonfigura f'din il-kawza bhala konvenuta. L-Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta jillimita l-procedura tar-rikonvenzjoni ghal talbiet diretti unikament fil-konfront tal-attur fil-kawza u mhux ukoll fil-konfront tal-attur fil-kawza u mhux ukoll fil-konfront tal-konvenuti l-ohra ;*

*2. Illi preliminarjament l-azzjoni rikonvenzjonali hija, fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, irrita u nulla in kwantu hija bazata fuq premessi kontraditorji ghal xulxin, senjatament l-allegazzjoni tal-vizzju tal-kunsens hija kontradittorja ghal dik tas-simulazzjoni. Ghalhekk, l-ewwel u t-tieni talbiet rikonvenzjonali huma nkonsistenti ma` xulxin u tali nkonsistenza tirrendi l-azzjoni rikonvenzjonali rrita u nulla ;*

*3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kunsens tal-konvenut rikonvenzjonant ma kien affett minn ebda zball u ma kien soggett ghall-ebda eghmil doluz ;*

*4. Illi fil-mertu, minghajr pregudizzju ghall-premess, anki kieku stess ex gratia argomenti kellu jitqies li kien hemm xi forma ta` zball jew eghmil doluz, xorta wahda ma jikkonkorrux l-elementi mehtiega sabiex il-konvenut rikonvenzjonant ikun jista` jitlob it-thassir tal-konvenju de quo jew altrimenti jitlob li jinheles mill-obbligi tieghu ai termini tal-istess konvenju ;*

*5. Illi fil-mertu, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenju de quo ma kien bl-ebda mod simulat ;*

*6. Illi t-talbiet rikonvenzjonali proposti mill-konvenut rikonvenzjonat huma fi kwalsijasi kaz infondati fil-fatt u fid-dritt ;*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta` A.M. Developments Limited u l-lista tax-xhieda indikati minnha ghall-fini tal-kontrotalba.

## 5. <u>Ir-risposta ta` Sam Investments Limited ghall-kontrotalba</u>

Rat ir-risposta guramentata li l-attrici Sam Investments Limited ipprezentat ghall-kontrotalba fl-<u>24 ta` Dicembru 2012</u> li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament il-kontrotalbiet tal-konvenut Cornelius Francis sive Maurice Scifo Diamantino huma nulli billi ma tistax issir kontrotalba kontra konvenut iehor fil-kawza ;*

*2. Illi preliminarjament il-kontrotalbiet tal-konvenut Cornelius Francis sive Maurice Scifo Diamantino huma nulli billi ma tistax issir kontrotalba li hija fl-istess waqt bazata fuq is-simulazzjoni u fuq il-vizzju tal-kunsens ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-allegazzjoni tal-izball u tal-eghmil doluz qed tigi michuda mill-esponent u fi kwalsijasi kazi il-konvenut ma jistax jitlob l-annullament tal-konvenju mertu tal-kawza billi, fic-cirkostanzi, ma jissussistux l-elementi mehtiega sabiex tintlaqa` tali talba ;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-allegazzjoni tas-simulazzjoni hija michuda bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt ;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kontrotalbiet tal-konvenut Cornelius Francis sive Maurice Scifo Diamantino huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ;*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-kumpannija attrici ghall-fini tal-kontrotalba.

6. Sfilz

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-7 ta` Marzu 2013 fejn halliet il-kawza ghal provvediment dwar it-talba li saret mill-konvenut Scifo Diamantino ghall-isfilz tar-risposta guramentata tal-konvenuta A.M. Developments Limited ghall-kontrotalba tieghu.

Rat il-provvediment taghha tat-22 ta` April 2013 li permezz tieghu ordnat l-isfilz tar-risposta guramentata tal-konvenuta A.M. Developments Limited ghall-kontrotalba tal-konvenut Scifo Diamantino [fol 43 sa 46 tal-process] bl-ispejjez kollha relatati ma` dak il-provvediment jithallsu mill-konvenuta A.M. Developments Limited.

7. L-ewwel erba` eccezzjonijiet tal-konvenut Scifo Diamantino

Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta` April 2013 fejn tat direzzjoni lill-partijiet illi kienet sejra tisma` provi u tiddeciedi l-ewwel erba` eccezzjonijiet tal-konvenut Scifo Diamantino.

Rat illi r-raba` eccezzjoni kienet ritirata fit-28 ta` Lulju 2014.

Rat is-sentenza in parte li tat fid-29 ta` Novembru 2016 li permezz taghha kienu michuda l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut Scifo Diamantino u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba` eccezzjoni tal-istess konvenut billi kienet irtirata fil-mori tal-kawza, bl-ispejjez jigu sopportati mill-konvenuta Simone Diamantino.

8. Il-mertu

**Rat id-direzzjoni li tat lill-partijiet fl-udjenza tat-12 ta` Jannar 2017 fejn il-Qorti ghall-provi u decizjoni tat-talbiet u tal-kontrotalba.**

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi dwar il-mertu

**Fejn jirrigwarda l-provi tal-mertu tat-talbiet u tal-kontrotalba, il-partijiet qaghdu fuq il-provi li diga` kienu fl-atti, u li fuqhom il-qorti bbazat il-provvedimenti tat-22 ta` April 2013 u tad-29 ta` Novembru 2016.**

**Ghalhekk a skans ta` repetizzjoni, ghall-iskop tas-sentenza tal-lum, il-qorti sejra tirreferi ghar-rassenja tal-provi li diga` ghamlet fil-kaz tal-provvedimenti taghha tat-22 ta` April 2013 u tad-29 ta` Novembru 2016.**

## III. Konsiderazzjonijiet dwar il-mertu

### 1. L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` attrici ghall-kontrotalba

Kienet eccepita in-nullita` tal-kontrotalba ghaliex ma tistax issir kontrotalba biex tolqot konvenut iehor.

L-Art 396 tal-Kap 12 ighid :-

*Fil-kawzi, il-konvenut jista` jaghmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif ser jinghad hawn taht :*

*a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba ta` l-attur ; jew*

*b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b` kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta` l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha.*

Ir-rekwiziti tal-kontrotalba kienu trattati fis-sentenza tal-24 ta` April 1930 fil-kawza "Neg. Luigi Spiteri Debono vs Neg. Charles Darmanin noe" u cioe` :-

*(a) la comunanza di origine delle due causi, ovverro*
*(b) la eliminazione reciproca delle due domande.*

u dan meta *"le due domande emanano dallo stesso fatto, dallo stesso contratto o titolo".*

Il-gurisprudenza taghna taghmel car illi l-interpretazzjoni tal-Art 396 tal-Kap 12 ghandha tkun wiesa` u liberali in vista tal-principju illi m`ghandux ikun hemm formalizmu esagerat.

Fis-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta fis-6 ta` Marzu 2003 fl-ismijiet "Carmel Farrugia vs Alexandra Farrugia" inghad hekk :-

*"Illi minn dan l-artikolu jirrizulta li l-legislatur kien liberali sew, u l-intenzjoni tieghu kienet mhux biss li tigi eliminata l-obbligazzjoni attrici, jew ikkompensata, izda ukoll jekk id-domandi attrici jigu b` kull mod, jekk mhux estinti, anke newtralizzati.*

*Illi tenut kont tal-fatt, li l-iskop tal-kontro-talba, huwa sabiex zewg kawzi bejn l-istess partijiet jinstemghu fi process wiehed, u b`hekk jigu evitati multiplicita` ta` kawzi bejn l-istess persuni, l-interpretazzjoni tal-istess artikolu ghandha tkun wahda estensiva, imbasta l-bazi tal-istess tigi rispettata u mhux znaturata.*

*Illi ghalhekk fl-interpretazzjoni tal-fonti ta` origine tal-istess kontro-talba, u cjoe` il-kuntratt, it-titolu u l-fatt, dawn ghandhom dejjem jigu nterpretati fil-kumpless ta` cirkostanzi li*

*jaghtu hajja ghall-kawza u li jifformaw il-bazi tal-litigazzjoni. Dan tant huwa minnu li l-legislatur permezz tas-subartikolu (2) jestendi l-istess ghal kull mezz li bih l-azzjoni attrici tigi estinta, jew l-effetti taghha jigu newtralizzata.*

*Illi dan kollu ghaliex 'la riconvenzione, essendo in diritto un mezzo di difesa, venne dal legislatore giustamente estesa a tutti I casi suddetti in cui il convenuto, agendo contro il suo attore, potrebbe difendersi'. (__Nicholas Ellul et vs Mary Cutajar et –__ P.A. (FGC) – 15 ta` Mejju 1998).*

*Illi konsistentement mal-premess, gew ammessi kontro-talbiet anke meta l-azzjoni attrici hija wahda kambjarja, bil-limitazzjoni tal-eccezzjonijiet li l-istess kawza timponi u dan proprju abbazi tal-artikolu 396(2) (__Guillaumier Industries Limited vs Victor Vella et`__ – RCP – 4 ta` Dicembru 1998).*

*Illi dan kollu huwa konformi mal-gurisprudenza prezenti li biha l-formalizmu esegerat ghandu jigi eliminat ghall-kollox, b`dan li wiehed ghandu jaghti hafna aktar importanza ghas-sustanza milli ghall-forma, u ghandu jsir kull tentattiv sabiex jigu salvati l-atti gudizzjarji, u l-emendi li saru fl-1995 huma primarjament intizi ghal tali skop u ineffetti ikkanonizzaw il-gurisprudenza moderna u konstanti tal-ahhar snin."*

L-istess principju ta` liberalita` fl-interpretazzjoni kien espress fis-sentenza li kienet tat il-Qorti tal-Appell fit-28 ta` Novembru 1988 fil-kawza "__Dr David Tonna noe vs Boris Arcidiacono noe__" fejn inghad :-

*"L-artikolu 396 (Kap 12) jaghti lill-konvenut id-dritt li jaghmel kontro-talba in any action. Isegwi li la l-legislatur ma impona l-ebda limiti, dawn ma jistghux jigu imposti mill-qorti."*

Fis-sentenza tat-12 ta` Dicembru 2014 fil-kawza "__Shana Sloane Borg vs Kenneth Azzopardi__" din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar l-Art 396 tal-Art 12 :-

*F`sentenza tal-5 ta` Ottubru 1992 fil-kawza __Pierre Abela vs Joseph Depares__, din il-qorti kkummentat hekk dwar l-Artikolu 396 :*

*"L-artikolu hu redatt f`termini mill-aktar wiesgha li jippermetti li ssir rikonvenzjoni prattikament kull fejn jirrizulta xi konnessjoni*

*bejn il-kontendenti li jghaqqadhom b`interess guridiku li mhux necessarjament jiskaturixxi mit-termini tal-azzjoni attrici".*

*Fis-sentenza* ***Paul Gambin vs Frank Gambin proprio et nomine*** *tas-27 ta` Marzu 1996, il-Qorti tal-Appell ghamlet riferenza ghal dak li qalet l-istess qorti fil-kawza* ***L. Spiteri Debono nomine vs C. Darmanin*** *(Vol. XXVII.i.886):*

*"Conseguentemente la domanda riconvenzionale puo sorgere dalla stessa convenzione ovvero dal rapporto giuridico personale donde nasce la domanda dell`attore – oppure dallo stesso titolo che e` voce assai piu estes del contratto ovvvero convenzione – oppure dal medesimo fatto che consiste nel complesso della operazione che diede causa al rapporto giuridico.... e nel senso procedurale "fatto" significa anche `il complesso di tutte le circostanze che hanno dato causa e che formano l`oggetto di una lite`".*

Fit-tezi "The Nature of Pleas in Maltese Civil Procedure – A Jurisprudential Analysis" John L. Gauci (illum Av. Dr. J.L. Gauci) inghad hekk :-

*The second instance under our law where counter claims are allowed to be set up is when the object of the claim of the defendant is to set-off the debt claimed by the plaintiff, to bar in any other manner the action of the plaintiff, or to preclude its effects. This second instance was dealt with in the case* ***Joseph Scerri v Anna Fenech et.*** *(First Hall Civil Court, 3rd August 2003) where the Court held:*

*`It-tieni bazi ghar-rikonvenzjoni kontenuta fl-Artikolu 396(b) tal-Kap. 12 ossia meta ssir rikonvenzjoni "ghaliex limharrek ikollu l-hsieb li bil-kontro-talba tieghu jpaci jew iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew izomm l-effetti taghha" ma tistax tiġi sewwa mfissra jekk mhux fid-dawl tal-kliem ewlieni ta` dak l-artikolu, u precizament mal-htieġa li bejn talba u kontro-talba jrid ikun hemm konnessjoni u li tali konnessjoni trid tinstab bejn l-istess partijiet.`*

*Thus, for a counter claim to be set up, there must necessarily be a nexus between the claim and the counterclaim and such a nexus must subsist between the plaintiff and the defendant. This was also confirmed in the case* ***Alexis Vella et noe v David Jones et noe*** *(First Hall Civil Court, 31st January 2003) `Min jiġi citat in*

*ġudizzju f'certa kwalità (e.g. f' ismu proprio) ma jistax jaghmel kontrotalba fi kwalità diversa (e.g. bhala rapprezentant ta' haddiehor)' and in* ***Gasan Insurance Agency Limited Noe v Simon Soler et*** *(Court of Appeal, 22nd November 2002) wherein it was held that 'Talba rikonvenzjonali hi akkordata biss kontra l-attur u mhux ukoll kontra konvenut iehor fil-proceduri'.*

*In* ***Georgina Vella Xebba v Emanuel Caruana U B'digriet Tas-16 Ta' Ottubru 1981, Gie Kkjamat Fil-Kawza Joseph Vella*** *(Court of Appeal, 25th March 1986) the Court held that a counterclaim cannot be set against a joinder (kjamant in kawza) and raised this plea ex officio:*

*Minn ezami tad-disposizzjonijiet relattivi ghar-rikonvenzjoni (article 396 et seq.) jidher car illi l-kontro-talba tal-konvenut tista' ssir biss kontra l-attur u kwindi l-kontro-talba f'din il-kawza tal-konvenut inkwantu maghmula kontra Joseph Vella (li lanqas biss kien fil-kawza meta saret il-kontrotalba u li ġie kkjamat fil-kawza wara) hija nulla – nullità dina li l-Qorti tista' u anzi ghandha tissolleva ex ufficio billi tirrigwarda materja ta' procedura u ordni pubbliku."*

**Din il-Qorti diga' qalet fil-provvediment taghha tat-22 ta' April 2013 illi kontrotalba ssir kontra l-attur.**

Minn ezami tal-kontrotalba, jirrizulta illi t-tieni talba ghandha x' taqsam mal-konvenuta A. M Developments Limited.

Fit-tieni talba, il-konvenut Scifo Diamantino talab illi jkun dikjarat li l-konvenju de quo kien simulat peress li allegatament A.M. Developments Limited dehret bhala venditrici fuq il-konvenju meta fil-verita' id-direttur taghha kien kumpratur fuq l-istess konvenju minhabba kolluzjoni ezistenti bejn dik is-socjeta' konvenuta u dik attrici.

Fit-talbiet l-ohra, saret talba ghal dikjarazzjoni mill-qorti illi l-kunsens tal-konvenut kien moghti bi zball u/jew gie mehud bl-eghmil doluz tas-socjeta attrici ; ohra ghal dikjarazzjoni ta' nullita' u bla effett tal-konvenju ; u ohra li Scifo Diamantino ma kienx obbligat jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh favur il-kumpanija attrici.

Din il-Qorti tqis illi <u>kif kienet impostata</u>, il-kontrotalba kienet intiza kontra s-socjeta` attrici. Ghalhekk ma tistax titqies illi saret kontra l-konvenuta l-ohra.

Tenut kont tat-talbiet li flimkien jaghmlu l-kontrotalba, huwa imperattiv li jkunu konvenuti l-firmatarji kollha ta` l-konvenju, anke in vista tat-talba ghal dikjarazzjoni ta` nullita` tal-konvenju u tal-allegata simulazzjoni. Izda ghal dak li ghandu jirrigwarda l-eccezzjoni de qua, il-Qorti mhijiex sejra tilqa` l-eccezzjoni, propju ghaliex il-kontrotalba kienet diretta biss kontra s-socjeta` attrici, mhux kontra l-konvenuta l-ohra.

2. <u>It-tieni eccezzjoni tas-socjeta` attrici ghall-kontrotalba</u>

Qeghda tkun eccepita n-nullita` tal-kontrotalba billi qed jinghad illi ma jistax ikun hemm kontrotalba ibbazata fuq simulazzjoni u vizzju tal-kunsens.

L-eccezzjoni tirreferi ghal gurisprudenza li tghid illi f`kazi estremi, talbiet kontradittorji jew konflittwali jgibu n-nullita` tal-azzjoni.

Il-gurisprudenza taghna hija cara fis-sens li parti ma tistax tipprocedi b`azzjonijiet li huma kontradittorji ghal xulxin u li ma jistghux jirnexxu fl-istess istanza. Malli parti taghzel tip ta` azzjoni, ma tistax tiehu cans u tipprocedi fl-istess azzjoni b`azzjoni ohra li tkun in konflitt jew in kontradizzjoni mal-azzjoni l-ohra.. Fl-eventwalita` li parti tezercita azzjoni li jkollha talbiet kontradittorji, in-nullita` tar-rikors guramentat ghandha tigi dikjarata minghajr l-icken ezitazzjoni.

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta` Frar 2016 fil-kawza "<u>Theresa Chetcuti et vs Maria Carmela sive Lina Warrington et</u>" inghad hekk :-

> *Illi fejn ikun hemm eccezzjonijiet ta` nullita` bhal dawk li gew sollevati fil-kawza odjerna, wiehed ghandu jezamina jekk verament dawn l-eccezzjonijiet fis-sustanza taghhom iwasslux ghan-nullita` o meno. Fil-fatt, l-emendi li saru fil-Kodici ta` Organizzazjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV tas-sena 1995*

*kienu intizi, inter alia, proprju sabiex jigu evitati dawn it-tip ta` eccezzjonijiet. Tali eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju hija proponibbli biss jekk jikkonkorru r-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 789 tal-Kap 12 u l-Qorti tifhem li r-rikorrenti qed jinvoka l-Artikolu 789(1) (c).*

*Fil-fatt l-artikolu 789(1) tal-Kap 12 jitkellem car dwar meta att gudizzjarju jista` jigi dikjarat null.*

*(1) L-eccezzjoni ta` nullita` ta` l-atti gudizzjarji tista` tinghata jekk :*

*(a) jekk in-nullita` hija dikjarata mil-ligi espressament ;*

*(b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti ;*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta` nullita`, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titolb in-nullita`, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort` ohra hlief billi l-att jigi annullat ;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi.*

*Izda dik l-eccezzjoni ta` nullita` kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ta` dan is-subartikolu ma tkunx tista` tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

*Tifsira tajba ta` din id-disposizzjoni, flimkien ma` l-isfond li fih il-legislatur wera li ried iqeghda, hija moghtija f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino**;" (28.1.1998 – Kollez. Vol:LXXXII.ii.30)*

*L-eccezzjoni ta` nullita` ta` att, taht il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta` dan l-artikolu, ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghet taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullita`.*

*Illi l-erba` (4) cirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa` taht il-parametri ta` xi wahda minnhom.*

*Ir-rikorrenti ssottomettew li qed jibbazaw l-eccezzjoni taghhom fil-parametri tas-subinciz (d) citat hawn fuq u ghalhekk japplika l-proviso ghall-artikolu 789(1).*

*Illi bil-proviso citat il-legislatur jaghmel referenza ghall-artikolu 175 tal-Kap 12.*

*L-artikolu 175 (1) tal-Kap 12 jaqra hekk:*

*"Il-Qorti tista`, f'kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta` wahda mill-partijiet, wara li tisma` meta jehtieg il-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta` xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta` wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalita` li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta` fatt jew ta` dritt ukoll permezz ta` nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza."*

*Hu pacifiku li din id-dispozizzjoni tal-ligi (anke kif kienet qabel l-emendi tal-1995 u tal-2005) inghatat fil-gurisprudenza interpretazzjoni wiesgha fis-sens li ma gietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi. Hekk fis-sentenza "**Moore noe vs Falzon et"** P.A. 15 ta` Dicembru 1995) kien deciz li –`ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir iccitazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b`mod li l-kawzali tista` tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista` tkun anki dedotta mid-domanda (Kollezz. XXIV.II.502, XXIX.I.431 u XXXII.I.228)". Ara wkoll **Mario Mizzi noe et vs Mario Grech noe et** PA – 3 ta` Ottubru 2003) fejn din il-gurisprudenza tinsab ukoll iccitata.*

*Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell fil-kawza "**Bonnici vs Zammit noe**" deciza fl-20 ta` Jannar 1986 fejn it-tifsira ta` l-Artikolu 156(1) kienet spjegata hekk-*

*"Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa ficcitazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parti ta` l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta` l-Artikolu 155(1) (illum 156(1) talKap 12) u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti, biex citazzjoni tigi*

*mwaqqfa irid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b`mod li l-konvneut ikun jista` jigi ppregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata. "*

*Fil-kaz "**<u>Capua Palace Ltd. Vs Arcidiacono Boris</u>**" deciza fil-31 ta` Jannar 2003, gie ritenut li :*

*"Fejn hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-permessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b`cirkospezzjoni eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju. Biex att ta` citazzjoni jghaddi mill-prova talvalidita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b`mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta` min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta` hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur"*

*"Hu necessarju li jkun jirrizulta rapport ta` konnessjoni ragjonevolment identifikabbli bejn il-premessi migjubin bhala l-kawza tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut". Hekk kif gie ritenut fil-kaz ("**<u>K.B.Real Estate Ltd. vs Silvio Felice</u>**"), P.A deciz fit-13 ta` Marzu 2003:*

*"... fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b`cirkospezzjoni eccezzjoni ta` nullita` ta` att gudizzjarju. Biex att ta` citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun mfassla b`mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta` min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta` hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur ....".*

*F`dan l-istess kaz, kompla jinghad hekk :*
*... jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura lprocedura tkun tista` tigi salvata basta dan ma jaffetwax issutanza tal-azzjoni jew l-eccezzjonijiet......."*

*U fil-kaz ("**<u>Angelo Fenech et vs Pawlu Grech et"</u>** – P.A. – 24 ta` Settembru 2001) intqal:*

*"Biex att ta` citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b`mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta` min harrikha."*

*"Illi huwa wkoll mizmum bhala principju generali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu misluta mit-termini talatt li bih ikunu nbdew il-proceduri. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura l-procedura tkun tista` tigi salvata basta dan ma jaffetwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eccezzjonijiet." (Ara wkoll "**Falzon vs Spiteri et**" P.A. deciza fl-24 ta` Gunju 1961 (Kollez. Vol: XLVIII.ii).*

*Illi kif gie dikjarat mill-Qorti tal-Kummerc fil-kaz (**Joseph Cachia nomine vs Paul Zammit et nomine**" deciz fl-14 ta` Dicembru 1989:*

*"Illi biex citazzjoni tkun nulla, skont l-artikolu 789 tal-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili, in-nullita` trid tkun iddikjarata mil-ligi espressament jew ikun hemm vjolazzjoni tal-provi mehtiega mil-ligi, nuqqas ta` xi partikolarita` essenzjali mehtiega mil-ligi spressament."*

*Hekk f'dan l-istess kaz, inghad li "jekk ikun hemm talbiet irrikonciljabbli, perezempju talba ghal azzjoni ta` spoll abbinata fl-istess kaz ma azzjoni rei vindicatoria, fejn hu ben saput li fl-azzjoni ta` spoll huma inamissibli provi fil-petitorju, hemm sitwazzjoni ta` talbiet irrikonciljabbli."*

*Il-kwistjoni sollevata mill-atturi fil-kaz in ezami tikkoncerna t-talbiet kunfliggjenti u rrikonciljabbli fit-talba rikonvenzjonali. ...*

*Illi fit-tema ta` talbiet diversi gie ritenut li mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-24 ta` April 1998 fl-ismijiet "**Frendo Randon noe vs Salomone** :*
*"... meta citazzjoni jkun fiha kawzali alternattivi u mhux cert liema wahda minnhom hija l-kawzali li sejra tifforma l-bazi ta` l-azzjoni odjerna dan iġib sitwazzjoni fejn konvenut lanqas ma jkun jista` jammetti t-talba ghax ma jkunx jista` jaghzel il-kawzali li jidhirlu hu. Lanqas mhu l-kompitu talQorti li taghzel liema hija l-azzjoni li kellu jittenta l-attur. Dan juri car li l-kawza kif ġiet intavolata hija insostenibbli billi ab initio la setghet tipprocedi u lanqas setghet tiġi ammessa. It-talbiet ukoll jikkonfondu azzjoni ma` ohra. Bhal li kieku dawn iwasslu ghal rimedju wiehed meta dan hux hekk ghaliex it-tnejn huma distinti wahda mill-ohra. Isegwi ghalhekk li mhux lecitu li tghaqqad azzjoni ma` ohra ...*

*Meta l-pozizzjoni hija tali jirrizulta kjarament illi l-procedura tal-attur kienet wahda irrita u nulla."*

*Illi fil-kaz in ezami, mill-mod kif inhi redatta l-Kontro-Talba, jidher li t-talbiet kif proposti huma konfliggenti u, sahansitra, jista` anke jigi ritenut li talba bbazata fuq obbligazzjoni fiducjarja jew constructive notice tinnewtralizza t-talba ibbazata fuq l-preskrizzjoni akkwizittiva. Inoltre dan hu in vjolazzjoni tal-principju kardinali electam una via non datum recursus ad alter am ghaliex huwa bbazat fuq zewg azzjonijiet separati u distinti minn xulxin li qed jigu proposti f` kawza wahda u cioe` kawza ibbazata fuq preskrizzjoni akkwizittiva u kawza ibbazata fuq jeddijiet naxxenti minn relazzjoni fiducjarja.*

*Illi bhala principju hu maghruf li domandi jistghu jigu kumulati biex jigu evitati gudizzji izjed milli hemm bzonn, pero` dejjem kompatibbilment mal-ezigenzi tal-kaz u meta dana lkumulu ma jfissirx trattazzjoni differenti ghaliex ikun hemm diga` l-konnessjoni bejn ir-rapporti intercedenti bejn ilpartijiet. Dawn iz-zewg azzjonijiet, minnkejja dak suggerit fit-trattazzjoni, jinvolvu ezami u provi distinti ghalkemm irrizultat pretiz, t-titlu tal-proprjeta` ikkontestata, hija wahda.*

*Illi izda din il-Qorti hija wkoll konxja tal-linja traccjata fil-gurisprudenza taghna fejn ir-rigorozita formali giet temperata tul is-snin sabiex "issir gustizzja sostanzjali fil-mertu tal-kaz". ("**Michael Attard nomine vs Raymond Galea** - Q.A. - deciza fit-12 ta` Mejju 1998) u "kif gie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorozita procedurali u l-formalizmu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza."("**Aquilina vs Cassar**" – Vol.LXXVI.iv.666). (Ara wkoll "**James Demanuele vs Elena Maria Felice**" P.A. deciza fit-30 ta` April 2002 u l-gurisprudenza hemm traccjata).*

*Illi ma tistax tiskarta l-fatt li d-difensur tal-intimat ghamel kjarifika fit-trattazzjoni li ttaffi inkompatibbilita` taz-zewg binarji li fuqhom sejjes il-kontro-talba tal-intimati. Din l-ispjegazzjoni hija krucjali ghall-apprezzament li qed taghmel din il-Qorti tal-eccezzjoni sollevata. Fid-dawl ta` din il-kjarifika din il-Qorti, b`accenn lejn il-htiega ta` gustizzja sostantiva, hija disposta li tikkonsidra "...li l-ilment tal-imharrkin ma jaqax fil-parametri ta` nuqqas procedurali, imma wiehed sostantiv. Dan jinghad ghaliex*

*il-kontestazzjoni dwar il-kontradittorjeta` tat-talbiet ma tintrabatx mas-sura tal-att gudizzjarju ..."*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti kif presjeduta fit-30 ta` Novembru 2015 fil-kawza "**Paul Bonello et vs Ramel u Zrar Limited et**" inghad hekk :-

*Dwar in-nullita` tac-citazzjoni, hemm gurisprudenza kopjuza.*

*...*

*kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta` April 1978 in re* ***Teresa Vella vs Salvatore Conti*** *(App. Kumm.) biex tigi ddikjarata nulla citazzjoni u jitwaqqaf il-kors taghha, jinhtieg li jkunu jikkonkorru ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta` evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut ;*

*Din il-Qorti inoltre tul is-snin f'diversi sentenzi taghha applikat dan il-principju b'mod li fejn jew ikun jonqos il-pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut jew in-nuqqas fic-citazzjoni kienet taghmel tajjeb xi haga ohra ghalih, ma annullatx ic-citazzjoni (ara* ***Savona vs Asphar*** *deciza minn din il-qorti fit-23 ta` April 1945 u dik riportata fil-Vol XXXIV tal-Kollezzjoni a fol 313 ta` l-Ewwel Parti).*

*Minbarra minn hekk gie diversi drab deciz u llum hu ormai pacifiku li nonostante l-fatt li citazzjoni jkollha xi haga mhux cara bizzejjed go fiha li pero` hi ccarata fid-dikjarazzjoni ta` l-attur dan hu bizzejjed biex isalva c-citazzjoni (ara* ***Bonello vs Azzopardi*** *Vol XXXIX.II.556* ***Gerada vs Cassar*** *XXXIV.II.501* ***Muscat vs Borg et*** *XXXIX.II.575* ***Demarco vs Fiteni*** *XLI.II.1035).*

*Din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fil-kawza deciza fit-30 ta` Jannar 2001 fl-ismijiet* ***"Manuel Schembri vs France Cutajar"*** *spjegat li :-*

*"Illi certament li huwa principju stabilit illi it-tifsir car u sewwa taloggett tal-kawza u tat-talbiet skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 156 tal-Kap 12 ghandhom jirrizultaw mill-istess att tac-citazzjoni innifsu u mhux minn 'xi kjarifika li tista` issir dwarhom matul it-trattazzjoni` (****"Raymond Bezzina vs Anthony Galea"*** *- A. C. 30 ta` Marzu 1998) ...*

*Illi gie ritenut illi sabiex azzjoni tigi dikjarata rritwali ghandu jigi determinat li hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk iccitazzjoni tkunx defugenti jew zbaljata b`mod li l-konvenut ikun jista` jigi pregudikat fid-difiza tieghu, u ghal dan l-ezami iccitazzjoni attrici ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha" (__`Carmelo Bonnici vs Eucharist Zammit noe`__ - A.C. 20 ta` Jannar 1986).*

*Illi dan l-ezercizzju ghandu wkoll jigi ezaminat fid-dawl tal-massima ormai llum addottata mill-Qrati taghna illi `il-formalizmu ezegerat ukoll ilu hafna li gie mnaqqas u limitat li bir-ragun, il-ligi qed tkun aktar u aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet tal-forom li jnutruh` (__`Charles Fino vs Alfred Fabri noe`__ - A.C. 28 ta` Frar 1997 ; __`Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava et`__ - P.A. (R.C.P.) 28 ta` Ottubru 1998 ; __`Sav. Falzon vs Chairman tal-Awtorita` tal-Ippjanar`__ - A.C. 31 ta` Mejju 1996).*

*Illi f`dan il-kuntest huwa sintomatiku li a bazi ta` dak li ntqal fis-sentenza __`Michael Attard nomine vs Raymond Galea`__ (A.C. 12 ta` Mejju 1998) dwar kawzali distinti minn xulxin, u applikati dawn il-principji ghall-kaz de quo, l-attur m`ghandux l-ewwel fil-premessi jitkellem dwar titolu u pussess, u mbaghad fit-talbiet jghaqqad kollox flimkien, b`mod li f`din lazzjoni sar kollox neboluz jekk l-azzjoni hija ibbazata fuq titolu jew biss fuq pussess jew detenzjoni.*

*Illi tali konfuzjoni ma ghandhiex issir ghaliex dan ma huwiex tollerat skond l-artikolu 156 (1) tal-Kap 12, billi dan la jkun gust mal-kontro-parti li trid tkun f`qaghda li tiddefendi ruhha, u di piu` tpoggi lillgudikant f`sitwazzjoni ta` ncertezza dwar l-indoli veru tal-procedura li jrid jiddeciedi dwara. Dan huwa konfermat bis-sentenza __`Joseph Tabone vs Joseph Flavia`__ (A.C. 7 ta` Marzu 1958 - XLII.i.86) fejn inghad li huwa dejjem necessarju li ic-citazzjoni ghandu jkollha tifsira cara tal-oggett u r-raguni tat-talba u "dan huwa dejjem necessarju biex il-konvenut ikun jaf minnufih u b`certezza dak li ghandu jiddefendi ruhhu minnu …".*

*Illi pero` kontra dan kollu xorta wahda jipprevali l-principju li l-atti kemm jista` jkun ghandhom jigu salvati entro id-dettami tal-ligi peress li rrigorozitajiet procedurali ma humiex ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk m`ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza u dan iktar u iktar meta illum fl-att tac-citazzjoni hemm dejjem il-formola ritwali – `premessi d-*

*dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provedimenti opportuni` - proprju sabiex jaghmlu tajjeb ghal kwalunkwe` esigenza ta` forma li tkun necessarja biex l-att ikun komplit b`kull talba ghal kwalunkwe dikjarazzjoni". (`**<u>Mary Cosaitis vs Mario Muscat`</u>** - A.K. 27 ta` Novembru 1990).*

*Madanakollu, huwa sottomess li minkejja li huwa minnu li eccezzjoni ta` nullita` ghandha tigi nterpretata ristrettivament, dan ma jfissirx li ma hemmx cirkustanzi fejn citazzjoni tista` tigi dikjarata nulla. Fejn jidher car li c-citazzjoni hija kuntradittorja, in-nullita` ghandha tigi dikjarata minghajr ezitazzjoni. Dan gie ritenut minn gurisdizzjoni kostanti. Per ezempju, il-Qorti ta` l-Appell fis-sentenza taghha tat-28 ta` April 1978 fl-ismijiet **<u>`Teresa Vella vs Salvatore Conti`</u>** irriteniet li biex citazzjoni tigi ddikjarata nulla u jitwaqqaf il-kors taghha, jinhtieg li jkunu jikkonkorru ragunijiet validi, bhal per ezempju nuqqasijiet evidenti ta` pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut.*

*L-istess ntqal fid-decizjoni moghtija mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta` Frar 1997 fl-ismijiet **<u>`Alfred u Mary konjugi Vella vs Agostino Camilleri`</u>** :*

*"In-nullita` ta` l-atti gudizzjali hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta` citazzjoni ghandu jkun imwaqqa` u annullat biss ghal ragunijiet gravi."*

*Decizjoni rilevanti ghall-kawza tal-lum hija s-sentenza li tat il-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta` Jannar 1995 fil-kawza **<u>"Salvatore Aquilina et vs Joseph Oliver Ruggier noe"</u>**. Bhal ma gara fil-kaz tal-lum, il-konvenut f`dik il-kawza eccepixxa n-nullita` tac-citazzjoni fuq il-premessa illi t-talbiet u l-premessi kienu konfuzi u konfliggenti. L-eccezzjoni saret abbazi tal-fatt li fl-ewwel tliet domandi, latturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat jersaq ghall-pubblikazzjoni ta` l-att finali ghat-trasferiment ta` l-art in kwistjoni, mentri fl-ahhar tlett talbiet intlabet dikjarazzjoni ta` responsabilta`, likwidazzjoni ta` danni, u kundanna ghall-hlas ta` danni minhabba inadempjenza da parti tal-konvenut li joqghod ghall-obbligi assunti skond il-konvenju. Il-konvenut wiegeb illi kif impostati d-domandi attrici ma setghux iregu flimkien billi d-domandi kienu konfliggenti u joholqu konfuzjoni legali; kwindi kienu proceduralment insostenibbli.*

*Il-Qorti laqghet l-eccezzjoni tan-nullita` u qalet hekk :-*

*"... L-atturi ma setghux u ma jistghux jippromuovu z-zewg talbiet u zzewg azzjonjiet f' daqqa wahda, ghaliex, kif imposti minnhom, azzjoni wahda teskludi lill-ohra. L-atturi kellhom jaghzlu. Jekk il-kuntratt ghadu fattibbli allura messhom ghall-ewwel qaghdu fuq l-ewwel talbiet u jekk mhuwiex setghu jaghzlu l-azzjoni tad-danni.*

*Illi kif gie anke ritenut f'sentenzi ta` dawn il-Qrati jekk ara d-decizjoni __`Emanuel Scicluna vs Av. Dr. S Camilleri noe`__ deciza mill-Qorti ta` l-Appell fid-19 ta` Jannar 1959 (Vol XLIII-I-55) l-attur li jaghzel wahda mill-azzjonijiet li lilu huma akkordati, necessarjament irrinunzja ghall-ohrajn, u mhux permess li min ikun irrinunzja ghall-azzjonijiet tieghu li jerga` lura fuq il-passi tieghu stess."*

Decizjoni ohra relevanti kienet dik li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta` Frar 2015 fil-kawza "__Christopher Puglisevich et vs David Gauci et__" fejn kienet sollevata l-eccezzjoni ta` n-nullita` tar-rikors guramentat abbazi tal-Art 789(1)(d) tal-Kap 12 ghaliex *electam una via non datum recursus ad alteram.* Il-Qorti osservat hekk :-

*Illi l-konvenut Gauci, qanqal l-eccezzjoni ta` nullita` ukoll in vista tal-fatt illi l-atturi ressqu f'kawza wahda zewg (2) azzjonijiet ta` natura guridika ghal kollox diversa wahda mill-ohra: u cioe` azzjoni in linea ta` danni fil-konfront tal-konvenuti Micallef; u azzjoni ghal rifuzjoni fil-konfront tal-konvenut Gauci.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghal insenjament moghti fis-sentenza __Angelo u Anna konjugi Fenech vs Pawlu u Rita konjugi Grech__, deciza fl-24 ta` Settembru 2001, per Onorabbli Imhallef Joseph R. Micallef, fejn gew elenkati l-elementi li ghandhom jissussistu fir-rikors guramentat, hekk skond l-Artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, liema elementi, jekk in ezistenza, inaqqsu l-possibilita` illi jippregudikaw il-validita` ta` l-istess, f'kawza fejn jitressqu zewg azzjonijiet separati, dik il-Qorti irriteniet :*

*"Illi issa xieraq li wiehed jara jekk tinholoqx nullita` fejn zewg talbiet guridikament distinti jitressqu f'kawza wahda u sa liema limitu jista` jsir dan bla ma jkun qieghed jinkiser dak li tipprovdi l-ligi fl-artikolu 156(1)(a) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u*

*Procedura Civili. Mill-kliem innifsu tal-imsemmi artikolu, johrog illi (i) l-attur ghandu jidentifika l-oggett tal-kawza billi jiddikjara r-raguni ghala jkun qieghed jitlob dak l-oggett; (ii) dak l-oggett u dik ir-raguni jridu kunu mfissrin car u sewwa; (iii) t-talba jew it-talbiet ikunu marbutin mar-raguni(jiet) kif premessi fl-att tac-citazzjoni; u (iv) li dawn l-elementi ghandhom jirrizultaw mill-att gudizzjarju nnifsu u mhux minn xi kjarifika li tista` ssir dwarhom waqt is-smigh tal-kawza."*

*Din il-Qorti b`referenza ukoll ghall-import tal-Artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, taghmel accenn ghal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice Limited**, deciza fit-13 ta` Marzu 2003, mill-per Onorabbli Imhallef Joseph R. Micallef:*

*"Illi l-ligi, tippreskrivi, fost l-ohrajn, li c-citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba. Dan ifisser ukoll li lpremessi ghat-talbiet ghandhom iwasslu lil min qieghed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma` dan ir-rekwizit, hemm il-principju li l-parti mharrka trid tinghata l-fakolta` li tkun tista` tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta` min iharrikha."*

*Dan in-nuqqas irid ikun wiehed ta` certu gravita`. Infatti fis-sentenza fuq citata **Angelo u Anna konjugi Fenech vs Pawlu u Rita konjugi Grech**, b`referenza ghan-nexus bejn il-premessi u t-talbiet tar-rikors guramentat, gie ritenut:*

*"Illi ghalhekk, citazzjoni m`ghandhiex tigi mwaqqgha ghajr ghal ragunijiet gravi. Madanakollu, biex citazzjoni jista` jinghad li ghandha kawzali cara bizzejjed jehtieg li jirrisulta rapport ta` rabta ragonevoli bejn il-premessi u t-talba nnifisha mmirata lejn il-persuna mharrka.Jekk in-nuqqas ta` kjarezza jkun ta` ghamla u kwalita` tali li jcahhad b`mod serju lill-imharrek mid-difiza tieghu, ic-citazzjoni ghandha tigi mwaqqgha." Vide ukoll E. Scicluna vs M. Xuereb et (Kollez. Vol: LI.i.299)*

*… Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament moghti fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Rene Frendo Randon noe vs Albert Walter Salomone noe et**, deciza fl-24 ta` April 1998, mill-Qorti ta` l-Appell :*

*"...m`hemm ebda dubbju li fl-att tac-citazzjoni, indipendentement mill-mertu propju in kawza, jidher evidenti li kemm fil-kawzali kif ukoll fid-domandi l-attur appellant hallat zewg azzjonijiet ma` xulxin meta dan proceduralment ma setax jaghmlu. Mhuwiex eskluz li bl-inkluzjoni ta` numru ta` kawzali u premessi fl-att tac-citazzjoni, ankorke` dawn jistghu jwasslu ghal aktar minn azzjoni wahda, b`dan il-att ma jwassalx bilfors ghan-nullita` tac-citazzjoni. Imma meta tali ambivalenza timmanifesta ruhha ukoll fit-talbiet, allura l-kaz huwa diferenti sew."*

*Il-Qorti ta` l-Appell, kompliet tghid :*

*"Fil-fatt, fil-kaz in ezami hemm izjed minn hekk ghaliex it-talbiet ukoll jikkonfondu azzjoni ma` ohra bhallikieku dawn iwasslu ghal rimedju wiehed, meta dan mhux hekk ghaliex it-tnejn huma distinti lwahda mill-ohra".....''Isegwi ghalhekk li mhux lecitu li tghaqqad jew tikkonfondi azzjoni ma` ohra"..."Meta l-posizzjoni hija tali, jirrizulta kjarament li l-procedura ta` l-attur kienet wahda, rrita u nulla." Vide ukoll fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs Rita Caligari u Emanuel Degiorgio**, deciza fit-13 ta` Frar 2012.*

*Il-Qorti rat u ezaminat il-konkluzjonjiet tal-Perit Legali dwar in-nullita` ta` citazzjoni odjerna u n-nota ta` sottomissjonijiet tal-attur tat-2 t`Awwissu 2013 u taghraf illi c-citazzjoni odjerna, minkejja n-nuqqasijiet taghha, hija mfassla b`mod li l-persuna mharrka cioe` l-intimati jifhmu l-import ta` tali talba u li jkunu f`qadgha li jiddefendu ruhhom u dana ai termini tal-gurisprudenza citata **Lay Lay Company Limited vs Saliba Derek Paul et** deciza fl-1 ta` Frar 2010; **Bella Hili vs Michael Fenech et** deciza fit-13 ta` Frar 2006; **Carmelo Bonnici vs Eucharist Zammit noe** deciza fil-20 ta` Jannar 1986; u **Joseph Colerio vs Dr. Joseph Ellul** deciza fl-14 ta` Frar 1967."*

Dan premess, tajjeb jinghad illi hemm stregwa ta` kazistika li ghamlitha cara li wiehed ma jistax jipprocedi b`talba ghal dikjarazzjoni ta` nullita` u mill-banda l-ohra jipprocedi wkoll b`talba ghal dikjarazzjoni li l-att huwa simulat.

Hija ta` relevanza kbira d-decizjoni ta` din il-Qorti moghtija fit-8 ta` Novembru 1952 fil-kawza **"Prof. Carlo Oreste Strocco vs Pietro Baldassare Contini et"** fejn inghad :-

*"L-azzjoni tar-rexissjoni jew tan-nullita tippresupponi obligazzjoni guridikament ezistenti, izda nieqsa minn xi element essenzjali (art. 1255 Kod. Civ); difatti, skond l-art 1188 (g) ta` l-istess Kodici, ir-rexissjoni hija wiehed mill-modi li bihom jispiccaw l-obbligazzjonijiet (`si estinguono`, kien ighid l-art 851 ta` l-Ord. VII ta` l-1868) u peress li ma jistax logikament jispicca hlief dak li jkun jezisti, ma jistghux ikunu suggetti ghar-rexissjoni, ghall-finijiet ta` l-imsemmi art. 1255 (kif kostantement interpretat mill-Qrati taghna) dawk l-obligazzjonijiet li huma guridikament inezistenti (Kollez. XXV-I-511 u App. Civ. 13 ta` Gunju 1950 in re` __Saliba vs Saliba__). Viceversa, l-azzjoni tas-simulazzjoni tippresupponi dejjem att inezistenti jew b` mod assolut (`colorem habens, substantiam vero nullam`) sew b` mod relattiv (`colorem habens, substantiam vero alteram`); bil-konsegwenza li, rigward l-att apparenti impunjat isir inkoncepibli u inutli l-annullament, salva, jekk ikun il-kaz, l-impunjazzjoni ta` l-att reali li jkun mohbi taht dak apparenti. Minn dana jidher li l-azzjoni tan-nullita` hija applikabbli biss ghal dawk l-obligazzjonijiet li jkollhom wiehed jew izjed mid-difetti determinati fl-art. 1266 fuq citat izda qatt ghal dawk li guridikament u fil-fehma tal-partijiet qatt ma ezistew jew qatt ma ezistew kif apparentement kienu jidhru.*

*L-oggett taz-zewg azzjonijiet huwa, kwindi, necessarjament differenti. L-azzjoni tan-nullita` ghandha bhala skop taghha l-annullament ta` l-obbligazzjoni, minhabba li tkun nieqsa minn xi rekwizit essenzjali (Kollez. XVI-II-332); mentri dak tal-azzjoni tas-simulazzjoni huwa li tkun ristabbilita l-verita` f` dak li realment riedu l-kontraenti, ghad li l-att reali jista` ma jkunx validu. `Colui che agisce per la dichiarazione di simualzione`, jghid Laurent, `non chiede che l-atto sia annullato, ma pretende che vi ha un atto apparente il quale non esiste punto come atto reale, ma che quest` atto apparente nasconde un contratto reale, salvo a veder se il contratto reale e` valido. Cosi l`azione di simulazione non ha che un solo oggetto, cioe` quello di ristabilite la veria`. Dunque l-articolo 1304 non e` applicabile.` Liema deduzzjoni hija aktar u aktar applikabbli fil-kaz ta` simulazzjoni relattiva, li kif irragunat il-Qorti ta` l-Appell tar-Re fil-kawza __`Seychell utrinque`__ deciza fis-27 ta` Marzu 1936 (Kollez Vol XXIX-I-570) ma ghandhiex bhala skop id-dikjarazzjoni ta` nullita` jew rexissjoni tal-kuntratt."*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta` Dicembru 2002 fil-kawza "**<u>Ian Busuttil vs Carmen Taliana</u>**" saret referenza ghal dak li kien inghad fis-sentenza tat-22 ta` Marzu 1965 fil-kawza "**<u>Joseph Gatt vs Joseph Galea</u>**". Kien rilevat illi jekk il-kunsens ikun ivvizzjat minhabba qerq, l-att ikun invalidu, mhux inezistenti, ghall-kuntrarju ta` meta att ikun simulat.

Inghad :

*"Kif gie drabi ohra deciz mill-Qrati taghna, il-kliem ma jkunx jiswa f` dan l-artikolu [artikolu 974 tal-Kap 16] m` ghandhomx l-istess sinifikat tal-kliem `ikun null`. Jekk il-kunsens ikun vizzjat ai termini ta` l-imsemmi artikolu l-att ikun invalidu imma mhux anki null. Jekk hemm vizzju tal-kunsens, bhala konsegwenza jkun vizzjat il-kuntratt bazat fuq dak il-kunsens, u l-vizzju jaghti lok ghal azzjoni ta` nullita` li in segwitu ghaliha l-kuntratt ghandu jaqa`. Pero` l-kuntratt ma jkunx inezistenti imma biss annullabbli, ghaliex l-izball, il-vjolenza u l-ghemil doluz, ma jimpedux l-ezistenza tal-kunsens. Mentri l-att nul ma ezista qatt, l-att annullabbli isehh sakemm ma jigix imhassar.*

*Dan huwa l-insenjament tal-Baudry –Lacantinerie, Tratto di Diritto Civile, Delle Obligazioni Vol I. Para 98, li jghid in propozitu: `Allorche` la violenza presenta I caratteri indicati dall art 1112 (Cod Civ It Art 1112), vizia il consenso e quindi il contratto di cui e` base. Per tanto essa genera un` azione di nullita` in seguito alla quale il contratto deve cadere. Il contratto, notiamolo, non e` inesistente, ma soltanto annullabile, poiche` la violenza non impedisce al consenso d` esistere ed al contratto di formarsi…Le proposizioni contenute in questo testo o di cui si suppone l` esistenza non sono speciali alla violenza. Essi si applicano pure all` errore e al dolo`. (ara wkoll P.A. **<u>Anthony Joseph Bajada vs Pauline Lumb</u>**, 15.12.1952, **<u>Maria Tabone vs. Maria Vincenza Mifsud et</u>**. 15.2.54 Vol. XXXVIII.i.51 u App, **<u>Elena Aguis vs. Giuseppa Ciancio noe</u>** 3.2.36 Vol. XXIX.i.452)"*

Il-principju li m`ghandhomx jigu konfuzi l-azzjoni rexxissorja u l-azzjoni simulatorja kien affermat fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-12 ta` Lulju 1946 fil-kawza "**<u>Luigi Spiteri Debono vs Joseph Spiteri Debono et</u>**" (ara wkoll id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Generali tal-11 ta` Ottubru 2006 fil-kawza "**<u>Angela Galea et vs Grazio Borg et</u>**").

Premessi dawn ir-referenzi ta` dritt u ta` gurisprudenza, il-Qorti sejra tistabilixxi jekk il-konvenut ghamilx tahlit (mhux permess) ta` zewg azzjonijiet fil-kontrotalba.

Minn ezami tal-kontrotalba (premessi u talbiet) tirrizulta kontradizzjoni u konfuzjoni, ghaliex *minn naha l-wahda* l-konvenut Scifo Diamantino ppremetta li l-konvenju de quo kien affett minn vizzji li jirrendu l-att null u bla effett, ghaliex il-kunsens tieghu kien karpit bi frodi, kif ukoll kien affett bi zball materjali, u ghalhekk l-att kellu jigi rexxiss, *u min-naha l-ohra* jallega wkoll illi l-istess att kien simulat, u anke ghalhekk talab ir-rexxissjoni tieghu.

Kif jirrizulta mill-ġurisprudenza citata, persuna ma tistax tallega fl-istess nifs illi att huwa ezistenti, imma ġuridikament nieqes minn xi element essenzjali ghall-validita` tieghu, u ghalhekk annullabbli, u fl-istess waqt tghid illi dak l-att huwa kien simulat u allura inezistenti *ipso iure*.

Dan huwa precizament dak li ghamel il-konvenut Scifo Diamantino fil-kontrotalba.

Ma gharafx jiddistingwi, anzi kkonfonda, l-effetti u konsegwenzi ta` l-azzjoni rexxissorja u dik simulatorja, b`tali mod illi anke li kieku intalbet, ebda korrezzjoni ma setghet issir ghaliex sew kieku ġew rinuzjati l-premessi u t-talbiet dwar ir-rexxissjoni, u anke li kieku kienu eliminati dawk dwar is-simulazzjoni, id-difiza tal-konvenut certament kienet sejra tkun ippregudikata serjament.

Ghal din il-Qorti, il-konfuzjoni li holoq il-konvenut holoq fil-kontrotalba ma tistax tkun injorata ghaliex hija gravi fin-natura taghha.

**Abbazi tal-principju li l-konvenut fil-kontrotalba ghandu jaghzel l-azzjoni li fuqha jrid jagixxi, u allura necessarjament jirrinunzja ghal ohrajn li jista` jipproponi, il-Qorti sejra tilqa` t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` attrici.**

**Ghalhekk qeghda tichad it-kontrotalba.**

## 3. <u>It-talbiet attrici</u>

Bl-ewwel domanda, is-socjeta` attrici qeghda titlob li l-konvenuti jigu ordnati jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt definittiv in ezekuzzjoni tal-konvenju ffirmat fil-25 ta` Gunju 2012 (izda erronjament datat 26 ta` Gunju 2012). It-tieni domanda hija konsegwenzjali ghall-ewwel wahda.

Is-socjeta` konvenuta ma opponietx it-talbet attrici u ddikjarat li hija lesta tersaq ghall-att notarili li jezegwixxi l-konvenju de quo.

Il-konvenut Scifo Diamantino ressaq serje ta` eccezzjonijiet ; l-ewwel tlieta kienu michuda, ir-raba` eccezzjoni kienet irtirata, waqt li l-bqija qeghdin jigu decizi llum.

### a) <u>Is-seba` eccezzjoni tal-konvenut Scifo Diamantino</u>

Kien eccepit illi l-konvenju huwa null u bla effett billi huwa simulat in kwantu li minkejja li l-kumpanija konvenuta dehret bhala venditrici fuq il-konvenju, hija u/jew id-direttur taghha Anton Camilleri kienet ukoll fil-verita` kumpratrici bis-sahha ta` kolluzzjoni li kien hemm bejnha u bejn il-kumpanija attrici.

Tajjeb jinghad illi att ikun simulat meta, bil-volonta` tal-persuni li jidhru fuqu, ikollu sinifikat apparenti divers minn dak li realment ikollu. Simulazzjoni necessarjament timporta l-fatt li l-partijiet ikunu konsapevoli ta` dak li jkunu qed jaghmlu fil-kuntratt. Ghalhekk il-kunsens tal-partijiet fuqu ikun validu, madanakollu jkun qed isir bil-kunsens taghhom it-tnejn b`mod falz.

Att jista` jkun simulat totalment jew parzjalment (relattivament). Id-differenza bejn it-tnejn kienet imfissra fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-12 ta` Ottubru 1950 fil-kawza "<u>**Esther Pace et vs Mary Lauri et**</u>". Inghad :-

> *"Illi skond id-dottrina hemm zewg speci ta` simulazzjoni, wahda assoluta, meta l-kuntratt jkun interament fittizju u l-partijiet ma riedu jikkuntrattaw ebda obbligazzjoni – 'colorem habens, substantiam vero nullam' u l-ohra relativa, meta*

*l-partijiet ghamlu kuntratt taht apparrenza ta` iehor – ` colorem habens, substantiam vero alteram` (Coen, Giurisprudenza Italiana, voce Simulazione, para. 72)*

*L-azzjoni li ghandha bhala bazi s-simulazzjoni assoluta ghandha bhala skop id-dikjarazzjoni ta` l-inezistenza assoluta ta` l-att; dik li ghandha bhala bazi s-simulazzjoni relattiva ghandha bhala skop illi tigi restitwita r-realta` ta` l-att u mnehhija l-forma apparenti tieghu ..."*

Fid-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Marzu 1936 fil-kawza "<u>Francesca Seychell et vs Antonio Seychell et</u>" kienet imfissra wkoll id-distinzjoni bejn simulazzjoni assoluta u dik relattiva :

*"Illi skond id-duttrina, hemm zewg speci ta` simulazzjoni dik li tkun assoluta, meta l-kuntratt huwa interament fittizju u l-partijiet ma riedu jikkuntrattaw ebda obbligazzjoni `colorem habens` kif kienu jghidu l-prammatici, `substantiam vero nullam`, u dik relativa, meta l-partijiet ghamlu kuntratt taht apparenza ta` iehor; `colorem habens substantiam vero alteram`. Kif qalet il-Qorti ta` Catania fil-pronunja taghha tat-22 ta` Mejju 1882, `la simulazione e` di due specie; assoluta, allorche` le parti fanno un atto totalmente immaginario, che nel loro intendimento non dve avere alcun effetto; relativa, quando sotto le forme di un contratto apparente intendono fare un altro vero` (Coen, Voce Simulazione, para 72)"*

**Sabiex att jigi dikjarat simulat, irid jigi ppruvat illi jew il-partijiet kontraenti ma riedu jersqu ghall-ebda kuntratt, jekk inkella riedu jaghmlu att iehor divers minn dak li effettivament iddikjaraw fl-att**.

Fis-sentenza li tat fil-15 ta` Jannar 1945 fil-kawza "<u>**Oscar Sammut ne vs Antonio Ellul**</u>" inghad hekk :-

*"Illi att ghandu jkun ritenut simulat meta bil-**volonta` tal-persuni** li hadu parti fih ikollu sinjifikat apparenti divers minn dak li realment ghandu. `Simulatum dicimus quum tacite aliquod agimus expresse aliud simulamus`. (Bargalio). Din is-simulazzjoni tista` tkun assoluta jew totali, bhal meta l-partijiet ma riedu jaghmlu ebda att guridiku jew relattiva jew parzjali, bhal meta jigi konkiuz att guridiku veru u reali, izda*

*taht falza apparenza li tahbi l-vera natura tieghu....Illi dina l-Qorti bis-sentenza ta` l-20 ta` Mejju 1932 in re __`Schembri vs Schembri`__, sostniet li fil-kazi li kuntratti jigu attakkati bhala simulati, anki meta jkunu atti b` titolu gratuwitu, il-prova tas-simulazzjoni ghandha ssir minn ghand min jallegaha; u kompliet tghid li `cio` si applica con maggior rigore quando si tratta di dichiarare inesistente atti pubblici contro cui le deduzioni essere fondate su atti gravi, precisi e concordanti.` B` sentenza ohra ta` din il-Qorti tat-13 ta` Ottubru 1933 in __re Bugeja vs Busuttil__ gie stabilit li biex tigi ppruvata s-simulazzjoni frawdolenti ` bastano anche le presunzioni e le congetture, purche` esse sieno gravi, precise e concordanti, e non contradette da altre presunzioni ed inidzi.` U b` sentenza ohra ta` din l-istess Qorti tad-29 ta` Jannar 1932 in __re `Galizia nomine vs. Cuschieri`__ gie ritenut li fi-gudizzju ta` simulazzjoni `si deve sempre guardare agli effetti giuridici che le parti intesero ottenere mediante la stipulazione."*

Kwalunkwe att jew skrittura huwa prezunt li huwa tajjeb u jirrifletti l-volonta` tal-partijiet. Ghalhekk, sabiex tirnexxi azzjoni ta` simulazzjoni, trid issir il-prova b`mod konvincenti u konklussiv illi l-intenzjoni u l-kunsens tal-partijiet kien li joholqu att simulat. L-oneru ta` din il-prova tinkombi jinkombi fuq min ikun qqed jallega s-simulazzjoni. L-oneru jsir aktar gravuz f` kaz illi s-simulazzjoni tkun allegatament illi saret f` att pubbliku u dana stante l-prezunzjoni li tapplika favur atti pubbliki.

Fis-sentenza li tat din il-Qorti fil-5 ta` Dicembru 1953 fil-kawza "__Luigi Spiteri Debono vs Joseph Spiteri Debono et__" inghad :-

*"Hu ormaj maghruf li s-simulazzjoni hija forma ta` frodi (Kollez. XXXII-II-392); u peress li ma tinghatax guridikament prezunzjoni ta` frodi, kwalunkwe kuntratt jew ftheim ghandu favur tieghu l-prezunzjoni ta` sincerita` u tar-realta`. Ghalhekk min irid iwaqqa` din il-prezunzjoni jisthoqqlu jgib il-prova konkludenti u perswasiva tas-simulazzjoni minnu allegata."*

Il-principju kien ikkonfermat fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-22 ta` Ottubru 1986 fil-kawza "__Carmelo Cini et vs Alfred Zammit__" meta_qalet illi :

*"Biex ikun hemm simulazzjoni, hija mehtiega x-xjenza tal-partijiet kollha li jridu joholqu l-att simulat; jekk dana l-kunsens*

*ma jkunx hemm, l-att ma jkunx impunjabbli fil-konfront ta` min ma jkunx ta dak il-kunsens. Il-bona fede taghhom hija protetta mil-ligi, u l-kuntratt ghalihom jkun validu. Mhux bizzejjed li xi parti jkollha l-intenzjoni, mhix espressa u esternata lill-parti l-ohra, lli taghmel att simulat. Mhux bizzejjed li l-volonta` tas-simulant tkun diskordanti mad-dikjarazzjoni li hu jaghmel fl-att. Hemm bzonn, kif ighid Butera, li jigu salvagwardati `la sicurezza e la stabilita` delle contrattazioni e la protezione di chi ha seguito la fede e` la lealta` dell` altro contraente... Conseguentemente ogni qualvolta il disaccordo e` imputabile a colpa del dichiarante, mentre l` altra parte era ignara o aveva ragione di credere vera la manifestazione di volonta`, il negozio sara` valido. Se il negozio fosse annullato, la parte danneggiata avrebbe diritto ad indennizzo; ma non puo` la legge, per la sua stessa serieta` e per l` economia dei giudizi, autorizzare l` esercizio di una azione diretta a produrre un danno, che poi per altra via obbliga a riparare....(Simulazione nei Negozi Giuridici, pag. 18)"*

(ara wkoll : 26 ta` Mejju 1952 – Qorti tal-Appell - <u>Carmelo Morana vs Nutar Dr. Joseph Spiteri et</u> ; u 27 ta` Marzu 1936 – Qorti tal-Appell - <u>Francesca Seychell et vs Antonio Seychell et</u>)

**Premessa din il-gurisprudenza, il-Qorti tibda billi tghid illi ghalkemm il-kontrotalba sejra tkun dikjarata nulla ghar-ragunijiet fuq esposti, ma jfissirx li s-seba` eccezzjoni ghandha tkun respinta wkoll.**

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta` Ottubru 2004 fil-kawza "<u>**Mary Grech et vs Joseph Chetcuti pro et noe**</u>" inghad hekk :-

*In propositu l-Qorti tirrileva li, ghalkemm gie deciz fil-gurisprudenza li l-eccezzjoni tas-simulazzjoni ta` kuntratt tista` tigi sollevata ope eccezionis, izda dan huwa validu f`azzjoni fejn qed tigi mitluba l-esekuzzjoni, totali jew parzjali, ta` dak l-istess kuntratt; u mhux bhal fil-kaz prezenti fejn qed tigi mitluba r-rexissjoni ta` kuntratt differenti. Fil-kaz <u>**Emanuela Case vs Dr.Carmelo Agius noe**</u> [1964] din il-Qorti osservat hekk: "Il-posizzjoni legali hija li meta s-simulazzjoni, sew assoluta kemm relattiva, [f` dan il-kaz jidher li s-simulazzjoni pretiza hija biss relattiva ghax tista` tahbi donazzjoni] tigi sollevata mill-parti azzjonata biex taghti ezekuzzjoni ta` kuntratt, dik il-forma ta` eccezzjoni hija recevibbli fl-istess azzjoni, b` differenza minn meta*

*s-simulazzjoni tkun qeghda tigi allegata minn terz [Vol.XXXIII.I.344 u dottrina]" PA [MCC] [1964] Vol.48D.2.1064.*

Lanqas ma huwa ta` ostakolu l-fatt illi fis-sitt eccezzjoni kien eccepit mill-konvenut Scifo Diamantino il-vizzju tal-kunsens minhabba qerq jew zball, peress li kuntrarjament ghal dak li sar fil-kontrotalba, fl-eccezzjonijiet, zdiedet il-frazi *"minghajr pregudizzju ghas-suespost"* li jfisser illi l-eccezzjonijiet huma alternattivi u minghajr pregudizzju ghal xulxin.

**Dan ukoll premess, il-Qorti sejra tichad is-seba` eccezzjoni ghaliex issib illi hija legalment infondata.**

Tenut kont illi sabiex att jigi dikjarat simulat, irid jigi ppruvat illi jew il-partijiet kontraenti ma riedu jersqu ghall-ebda kuntratt jekk inkella riedu jaghmlu att iehor minn dak li effettivament iddikjaraw fl-att, fil-kaz tal-lum, l-allegazzjoni tal-konvenut Scifo Diamantino hija li kien hemm kolluzzjoni bejn is-socjeta` attrici u dik konvenuta jew id-direttur taghha Anton Camilleri, fis-sens li minkejja li s-socjeta` konvenuta dehret bhala venditrici fil-konvenju, fir-realta` s-socjeta` konvenuta jew id-direttur taghha Anton Camilleri kienet ukoll kumpratrici. Mhuwiex jinghad illi l-partijiet kontraenti ma riedu jersqu ghal ebda att, ghaliex kien hemm interess li jsir kuntratt ta` bejgh. Ghalhekk hawn ma kienx kaz ta` simulazzjoni assoluta billi l-partijiet riedu jikkontrattaw l-obbligazzjoni.

Lanqas ma kienet kwistjoni ta` simulazzjoni relattiva peress li l-kontraenti ma ridux jaghmlu att divers iehor minn dak li effettivament iddikjaraw fl-att.

Anke li kieku l-eccezzjoni kellha tinghata konsiderazzjoni, il-fatt li allegatament kien hemm kolluzjoni fis-sens illi s-socjeta` konvenuta jew id-direttur taghha kien attwalment l-akkwirenti ma jrendix il-konvenju simulat relattivament, peress li dak li riedu jaghmlu kien konvenju ta` bejgh. Fis-simulazzjoni relattiva, il-partijiet jkunu ghamlu ftehim taht l-apparenza ta` iehor, u l-iskop ta` l-azzjoni ma tkun li tinkiseb dikjarazzjoni ta` l-inezistenza assoluta ta` l-att (bhalma hu l-iskop ta` l-azzjoni ta` simulazzjoni assoluta) izda illi tigi restitwita r-realta` ta` l-att u mnehhija l-forma apparenti tieghu.

Fl-eccezzjoni in ezami, il-konvenut allega li l-konvenju kien null u bla effett mhux li kien qed jimmaskera att iehor. Ghalhekk l-eccezzjoni ma tistax tregi u sejra tkun michuda.

b) <u>Il-hames u s-sitt eccezzjonijiet tal-konvenut Scifo Diamantino</u>

Fis-sitt eccezzjoni, kienet eccepita n-nullita` tal-konvenju abbazi ta` zball u/jew ta` ghemil doluz tal-partijiet l-ohra (jew min minnhom) fil-konfront tal-konvenut Scifo Diamantino.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-10 ta` Marzu 1997 fil-kawza "<u>Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et</u>" (Kollez. Vol.LXXXI.iii.44) kien inghad illi "*il-kuntratti u konsegwentement l-obbligazzjonijiet naxxenti minnhom, jistghu jigu rexissi jekk jonqos xi wiehed jew izjed mill-elementi essenzjali mehtiega ghall-validita` ta` kuntratt u cioe` kapacita`, kunsens, oggett u kawza lecita.*"

Skont l-<u>Art 974 tal-Kap 16</u>, *jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza jew b`ghemil doluz, ma jkunx jiswa.* Skont l-<u>Art 981(1) tal-Kap 16</u>, *l-eghmil doluz huwa motiv ta` nullita` tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta.*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-4 ta` Gunju 2010 fil-kawza "<u>Germani Mifsud vs Bonnici</u>" inghad illi sabiex tirnexxi azzjoni dwar qerq, jehtieg li jigi ppruvat li jkun gie ezercitat eghmil ta` tali natura li jqarraq anke persuna li tkun hadet il-pariri taghha u mxiet b`kawtela :

